MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2007

Numru. 1136/2005

**Pulizija**
**Sp Kevin Borg**
**vs**
**Geronzio Azzopardi**

**Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Geronzio Azzopardi ta' 58 sena iben Guzeppi u Michelina nee Zammit mwieled Hal Qormi fis-17 ta' Gunju 1946 u residenti Casa Nici Triq Villamrosa Hamrun, ID545546(M).**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda**

**(a) minghajr licenzja moghtija mill-Awtorita kompetenti, ghamel kummerc ta' istituzzjoni**

**finanzjarja f'Malta jew barra minn Malta minghajr licenzja mill-Awtorita' kompetenti u cioe sarraf cekkijiet lil diversi persuni u ha kummissjoni ghal tali servizz minghand dawn l-istess persuni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3 ta' l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, Att Nru XII ta' l-1994)**
**(b) Illi b'hekk Geronzio Azzopardi sar ricediv ai termini ta' l-artikoli 9 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fid-19 ta' Frar 2004.**

**Rat li l-prosekuzzjoni rtirat it-tieni imputazzjoni permezz tal-verbal tat-22 ta' Novembru 2006. Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-ewwel imputazzjoni biss.**

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 18 tal-Kap 9 kif wkoll l-Artikolu 3 ta' l-Att 22 ta' l-1994 ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni biss ghax it-tieni wahda giet irtirata izda flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien sena millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------